bl'anemija (nukkas tad-demm) jikkurawhom u jfejquhom billi jitfgħulhom ġewwa l-vini ILMA BAĦAR SAFI !

TISLIMA LILL-BAĦAR

Lilek, oh baħar qawwi, lilek saħħa li ma bħalha ; lilek li treġi l-art, lilek għajn tal-ħajja ; lilek li n-nies għadha ma tafx imma għandha bżonn, lilek hija b'qalbha kollha ssellem.

B.

# SORU

Kullimkien l-egħlieqi tħaddar,
ġewwa l-ġonna jfuħ l-inwar,
tgħaddi fewġa bnina bnina
fuq ix-xgħari, fuq id-djar—

Minn għas-soru kollox mejjet :
Ir-Rebbiegħa tiġi u tmur,
u l-ħitan li ddawret bihom
ma jsebbaħhom l-ebda fjur.

Ħajja, ndifnet ġewwa qabar,
toħroġ minnu bil-mewt biss—
iżda s-Soru, le m'hix mejta,
April iħor lilha jmiss.

D. K.

# TQASSIR GĦALL-KITBA MALTIJA

## IT-TIELET TAQSIMA

*Prefissi u Suffissi.*

*Prefissi.*

Bosta kliem jibda bi prefissi, l-iżjed dak il-kliem li daħal fil-Malti minn ilsni latini. Dawn il-prefissi se'r nurùhom b'ittra ta' l-alfabet li għandha tkun maqsuma mill-bqijja tal-kelma b'sinjal wieqaf kif se'r nuru taħt.

Is-sillabi "ikkum", "ikkun", "akkum", "akkun" meta jiġu f'ras-il-kelma tidher għalihom il-vokali "i" maqsuma mill-bqijja tal-kelma b'sinjal wieqaf, eżempju :

ikkunsidra ikkonsla ikkumpatixxa ikkunferma ikkuntenta
**i/sidra i/sla i/ptxxa i/frma i/tnta.**

(N. B. Mhux meħtieġ li wieħed għandu japplika dan il-prinċipju *biss* għall-prefissi li se'r nuru hawn, iżda l-prinċipju jista' jiġi użat għal dawk il-prefissi kollha li jkunu jixbħuhom : eżempju fuq urejnà il-kelma *ikkonsla* u użajna il-prefiss għal "ikkon". Ħekk ukoll meta kliem ikun jibda bi prefissi bħal, "akkumpanija", "akkonsenta", "ikkontradixxa"—il prefiss jista' jiġi applikat.)

Meta dawn il-prefissi jkunu fil-present jew futur l-*i* għandha titbiddel ma' l-*j*, eżempju :—

jikkunsidra jikkonsla jikkumpatixxi jikkonkludi
**j/sdra j/sla j/ptxxi j/kludi**

"Kontra", "kontri", "kuntra", "kuntri", u prefissi bħal dawn tidher għalihom il-"K" (kbira) :—

kuntratt kuntravezjoni kuntradanza kuntrarju kontradizjoni
**K/t K/vnz K/dnza K/rj K/dz**

"Kom", "kon", "kum", "kun", "ekon", tidher għalihom "k" (żgħira)

komfort konz kunfetti kumbinazjoni ekonomija kuntentizza
**k/frt k/z k/ftti k/bnz – k/mij k/tntza**

"Deter", "detra", "detri", ecc. tidher għalihom "d" :—

determinazjoni detrimentali
**d/mnz -- d/mnt—**

"Tel", "tele", "teli", "imtelli", "intelli", u kliem li jibda bi prefissi li jixxiebhu ma' dawn, tidher għalihom bit-"t" :—

telegraff telaq telefôn intelligenti imtellaq
**t/grf t/q t/fn t/gnti t/lq**

"Tras", "trans", "tran", "tram", ecc. tidher għalihom it-T (kbira) :—